MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru 260/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Rita Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Rita Briffa ta' 37 sena mwielda Birkirkara fl-1 ta' April 1966, bint Vincent Parnis w Gemma xebba Mallia w li toqghod 46 'Casa Briffa', Triq San Giljan, Birkirkara u bin-numru tal-karta tal-

identita 156566(M), giet akkuzata talli fit-12 ta’ Jannar 2004 ghal-habta tal-hdax ta’ filghaxija waqt li kienet f’ Birkirkara:

1. Minnghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor uriet dan il-hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saqet vettura PAW342 fuq il-persuna ta’ Stephen Fenech fejn setghat ikkagunatlu griehi ta’ natura gravi liema incident ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha.

2. U aktar talli saqet l-istess vettura b’ manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

3. U aktar talli saqet l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

4. U aktar talli volontarjament bil-lejl kisret il-bon ordni u il-paci pubblika b’ ghajjat u glied.

5. U aktar kliem oxxen fil-pubblika li jikkonsisti f’ dagha.

F’ kaz ta’ htija il-Qorti giet mitluba illi tissospendi lill-imputat milli jottjeni jew jkollu licenzi tas-sewqan ghal-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq skond il-ligi.

Il-Qorti tista meta jidhrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot il-hati b’ obligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mil-istess Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SG3 u nnutat li l-imputata m’ ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza.

Rigward l-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra l-imputata il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti jemergi dubbju serju dwar is-sussistenza ta' tali akkuzi liema dubbju ghandu jmur favur l-imputata.

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tincita minn bran mid-deposizzjoni ta' PS1043 Francis Pace li fis-Seduta tad-19 ta' April, 2004, inter alia, qal:

" Inzid nghid illi jiena r-Rapport li ghamilli Stephen Fenech hadtu u fl-ebda hin ma ghidtlu biex hu jmur ikellem avukat. <u>Nghid illi dan Stephen Fenech lili fl-ebda hin ma qalli li din Rita Briffa ippruvat issuq ghal fuqu u inzid nghid illi lanqas dan ma qalli illi dina kellu jigbdu missieru biex dina Rita Briffa ma tolqtux bil-karozza. Fil-fatt lili dwar dan ma semmieli xejn.</u> Nghid illi wara dina l-okkazzjoni li gie jkellimni l-Ghassa dana Stephen Fenech jiena ma ergajtx rajtu izjed. " (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward ir-raba' akkuza u il-hames akkuza migjuba kontra l-imputata il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuzi gew sufficjentement ippruvati.

Rat l-artikoli 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost rigward l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, u it-tielet akkuza ma ssibx l-imputata Rita Briffa hatja dawn l-imsemmija tlett akkuzi fuq konflitt ta' provi u minnhom tilliberha.
Issib lill-imputata Rita Briffa hatja tar-raba' akkuza u tal-hames akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputata tikkundanna lill-imsemmija imputata Rita Briffa nkwantu ghar-raba' akkuza ghall-piena ta' tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' l-Ewro (Ewro 58.23) ammenda ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm 25) u nkwantu ghall-hames akkuza tikkundanna lill-imputata Rita Briffa ghall-piena ta' sitta u erbghin Ewro u disa' u

hamsin centezmi tal-Ewro (Ewro. 46.59) ammenda ekwivalenti ghall-ghoxrin Liri Maltin (Lm 20).

Finalment, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Rita Briffa b' obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 232.94) ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm 100) li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------